# Avviż tat-Tmintax-il Laqgħa Ġenerali Annwali ta APS Funds SICAV p.l.c. ("il-Kumpanija")

***Skont Artiklu 22 tal- Istatut tal-Kumpanija***

Dan l-avviż qiegħed jingħata skont l-Istatut tal-Kumpanija (l-"**Istatut**") għat Tmintax -il Laqgħa Ġenerali Annwali tal-Kumpanija (il-"**Laqgħa**") li qiegħda tissejjaħ għat- 22 ta' April 2026 fis-sitta ta' filgħaxija (18:00 hrs) ġewwa l-Phoenicia Malta, il-Mall, il-Furjana, Malta.

L- Aġenda tal-Laqgħa ser tkun kif hawn taħt indikat. Waqt il-Laqgħa, il-Bord tad-Diretturi tal-Kumpanija (il-"**Bord**" jew id-"**Diretturi**") ser ikun qiegħed jipproponi numru ta' riżoluzzjonijiet għall-kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Azzjonisti.

Dan l-avviż qed jiġi ċċirkulat lill-Azzjonisti li jidhru fuq ir-reġistru tal-membri tal-Kumpanija miżmum mill-amministratur tal-Kumpanija ta' nhar it- 13 ta' Marzu 2026 (ir-"**Record Date**"). Kwalunkwe tibdil fir-reġistru tal-membri li jseħħ wara r-Record Date ma jitqiesx għal finijiet ta' din il-Laqgħa Ġenerali Annwali.

**Aġenda Numru 1: Ħatra taċ-Chairman u Ftuħ tal-Laqgħa**

**Aġenda Numru 2: Quorum**

**XOGĦOL ORDINARJU – RIŻOLUZZJONIJIET ORDINARJI**

**Aġenda Numru 3: Approvazzjoni tar-riżultati finanzjarji awditjati għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2025**
Il-Bord jipproponi illi r-riżultati finanzjarji awditjati għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2025, flimkien mar-rapporti tad-Diretturi u tal-Awdituri, jiġu approvati.

**Aġenda Numru 4: Ħatra u ħlas tal-Awdituri**
Il-Bord jipproponi li Deloitte Audit Limited jiġu maħtura mill-ġdid bħala l-awdituri tal-Kumpanija sal-aħħar tal-laqgħa ġenerali annwali li se tinżamm fl-2027. Il-Bord jipproponi wkoll li jiġi awtorizzat sabiex jiffissa r-remunerazzjoni tal-awdituri tal-Kumpanija.

Matul il-Laqgħa, il-Membri se jirċievu aġġornament dwar il-proċess ta' tender pubbliku li sar skont il-liġi u li wassal għar-rakkomandazzjoni biex tiġi kkonfermata l-ħatra mill-ġdid ta' Deloitte Audit Limited.

*Nota: Jekk jogħġbok irreferi għar-Rapport Annwali 2025 għal aktar informazzjoni.*

**Aġenda Numru 5: Ħatra tad-Diretturi**
Is-Sur David Galea Souchet, Dott. Etienne Borg Cardona u Dott.ssa. Graziella Bray, li huma kollha eliġibbli biex ikomplu, ser jerġgħu jiġu maħtura Diretturi skont l-Artikolu 26.2 tal-Artikoli.

**Aġenda Numru 6: Ħlas tad-Diretturi**
Il-Bord jipproponi illi l-ħlas massimu aggregat li jista' jingħata lid-Diretturi f'din is-sena finanzjarja għandu jkun dak ta' €65,000 u dan sal-aħħar tal-laqgħa ġenerali annwali tal-2027.

**Ħatra tal-Prokuraturi**
L-Azzjonisti huma avżati li huma intitolati li jattendu u jivvutaw fil-Laqgħa msemmija hawn fuq personalment, jew permezz tal-ħatra ta' prokuratur (li m'hemmx għalfejn ikun Azzjonist tal-Kumpanija). Il-ħatriet tal-prokuraturi għandhom isiru bil-miktub bl-użu tal-Formola ta' Prokura mehmuża ma' dan l-Avviż. Jekk jogħġbok irreferi għall-Folja tan-Noti mehmuża għal aktar informazzjoni dwar kif timtela u tintbagħat il-Formola ta' Prokura, inkluż id-data sa meta għandha tintbagħat il-Formola.

Il- Board ifakkar illi kopja ta' dan l-Avviż, kif ukoll l- Aġenda, ir-Rapporti Finanzjarji, u d-dokumenti kollha relatati ma' din il-Laqgħa huma disponibbli fuq il-webpage tal-Kumpanija **www.apsbank.com.mt/funds/**.

**Dr Rebecca Falzon Vasic**
F'isem Apex Corporate & Advisory Services Ltd.
Segretarja tal-Kumpanija

8 ta' April 2026

APS Funds SICAV p.l.c. hi liċenzjata mill-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji bħala Retail UCITS Collective Investment Scheme